MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KEVIN MOMPALAO

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2014

Talba Numru. 23/2013

Avviz Numru 23/2013

**Eremme Business Advisors Ltd**

**Vs**

**Serena Holidays Holdings Ltd u Mary Rose Vella**

**It-Tribunal:-**

Ra l-avviz tat-talba prezentat fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Gunju tas-sena elfejn u tlettax (2013) li permezz tieghu l-kumpanija attrici tablet minghand il-konvenuti l-hlas fis-somma ta' seba' mija u tmien Ewro u erbghin centezmu (€708.40) rapprezentanti mizati ta' servizzi ta' konsulenza u *accountancy*. Dan bl-ispejjes inkuzi dawk ta' l-ittra ufficcjali 46/2013

Il-konvenuti rrispondew billi eccepew illi; (1) il-kumpanija attrici ma rcevietx is-servizzi msemmija; (2) Mary Rose Vella mhijiex il-legittimu kontradittur; (3) illi fil-perjodu msemmi ma gew rezi l-ebda servizzi; (4) illi jekk qed issir referenza ghal servizzi indikati qabel id-data msemmija fl-avviz u jekk verament dawn gew rezi, l-

ammont dovut mhux misthoqq; (5) illi l-kumpanija attrici ghandha bla pregudizju tipprovdi rendikont dettaljat ta' dak li qed tippretendi; (6) illi l-konvenuti ma ghandhomx ibatu spejjez minhabba l-kontijiet esegerati spediti mill-kumpanija attrici.

Ra l-atti kollha, u sema' x-xhieda u ra t-traskrizzjonijiet tal-istess xhieda.

Ra l-verbal tal-partijiet fejn qablu illi l-provi migbura fil-kawza 22/2013 ghandhom japplikaw ghal-kawza odjerna.

Ra d-digrieti kollha tieghu nkluz dak tas-7 ta' Novembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) li permezz tieghu din il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Sema' t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet

Ikkunsidra.

Illi qabel xejn utli li jigi osservat illi l-ewwel li ghandha tigi trattata hija t-tieni eccezzjoni tal-konvenuti cioe' dik li tghid illi Mary Rose Vella hi l-legittimu kontrattur. Jidher illi kwalsiasi relazzjoni guridika kienet bejn il-kumpanija attrici u dik konvenuta. Mary Rose Vella personali qatt ma dahlet fl-affarijiet. Ghalhekk jidher illi din l-eccezzjoni ghandha mis-sewwa. Persuni li ma ghandhomx x'jaqsmu ma' kaz ma ghandhomx jigu involuti f'litigji inutilment. It-tahrika ta' Mary Rose Vella jidher li hi wahda frivola u vessatorja. Illum persuna li tigi mharrka fil-Qorti ghal xi debitu tispicca awtomatikament fuq il-kotba s-suwed tal-kumpaniji li jipprovdu informazzjoni ta' kreditu ta' persuni u tali inkluzjoni jista' jkollha riperkussjonijiet fuq dik il-persua vis-a vis banek u istituzzjonijiet ohra. Ma ngabitx prova wahda dwar kif Mary Rose Vella personalment setghet kienet b'xi mod responsabbli ghall-hlas. Mary Rose Vella ghandha ghalhekk tigi mehlusa mit-talbiet attrici stante illi ma jirrizultawx. Dan it-Tribunal jemmen illi din l-inkluzzjoni ta' Mary Rose Vella fil-kaz, u cioe' l-kawza kontra taghha hija wahda frivola u vessatorja u jara li hemm lok illi jigi applikat id-dispost tal-Artikolu 10 subinciz 3 tal-Kap. 380, li jippreskrivi penali li ma jeccedux is-somma ta' mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94). F'dan il-kaz dan it-Tribunal jemmen illi penali fl-ammont ta' mitt Ewro (€ 100) hija wahda gusta. Ghandu jkun hemm ukoll riflessjoni fl-ispejjes.

Fil-bqija tal-mertu jidher illi l-kuntratt bejn iz-zewg nahat qatt ma gie ffirmat. Jidher illi l-maggor parti tax-xoghol gie rez minn l-accountant Robert Borg li thallas minghand il-kumpanija Eremme (tramite tpacija). Jidher illi kien Robert Borg li involva ruhu mal-kumpanija konvenuta tant illi fix-xhieda tieghu jishaq illi skont hu l-hlas tieghu kien dovut lilu direttament mill-kumpanija konvenuta.

Skont ma xehed Robert Borg hu rcieva hlas ta' erba' mija u hamsn Ewro (€450) flimkien mal-VAT. Jidher illi l-kumpanija attrici holqot fattura li turi ammont li suppost hu l-ammont li thallas Robert Borg u li hu ferm aktar. (Vide fol 36). Dan l-agir

huwa kundanabbli. Min-naha taghha Alexia King ikkonfermat illi l-ammont dovut kien ta’ tmenin Ewro (€80) u VAT ghall-formula tal-annual return tat-Taxxa; il-hlas ta’ Robert Borg u l-hlas lil MFSA. Jidher pero’ illi l-Income Tax Return giet inkluza wkoll mas-servizzi li ta Robert Borg (ara xhieda ta’ Ruben Buttigieg – ara ukoll ricevuta a fol 37 tal-Kawza 23/13 li ghaliha jaghmel referenza l-istess Ruben Buttigieg.) Ghalhekk il-hlas ghal din ir-return tat-taxxa mhux ser jigi akkolt ghaliex diga’ qieghed inkluz fl-ammont l-iehor dovut lil Robert Borg. Il-hlas lil Borg kien ta’ erba’ mija u hamsin Ewro (€450) flimkien mal-VAT ammontandi ghalhekk ghal hames mija u wiehed u tletin Ewro (€531).

Ghalhekk l-ammont totali dovut lill-kumpanija huwa ta’ hames mija u wiehed u tletin Ewro (€531).

Fic-cirkostanzi fejn kif gia gie konsiderat l-konvenuta l-ohra tharrket inutilment l-ispejjez tal-kawza ghandhom jinqasmu ugwalment bejn il-kumpanija attrici u l-kumpanija konvenuta.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi din il-kawza billi jillibera lil Mary Rose Vella mill-osservanza tal-gudizzju u jordna lill-kumpanija attrici thallas lil Mary Rose Vella penali ta’ mitt Ewro (€100) fit-termini tal-Artikolu 10 subinciz 3 tal-Kapitolu 380. Jikkundanna lill-kumpanija konvenuta Xlendi Resort Holdings Limited thallas lill-kumpanija attrici s-somma ta’ hames mija u wiehed u tletin Ewro (€531); bl-imghax mid-data ta’ din is-sentenza ’l quddiem. L-ispejjez jinqasmu nofs bejn il-kumpanija attrici u nofs il-kumpanija konvenuta Serena Holidays Holdings Limited.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------